MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Rikors Numru. 784/2003

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandati ta' Sekwestru Numru 874/03 u għall-Mandati ta' Inibizzjoni numri 1045/03 fl-ismijiet:

Nutar Dottor Michel **DINGLI** u martu Victoria Dingli

vs

**GLOBE FINANCIAL INVESTMENTS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-31 ta’ Lulju, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija eżekutata Globe Financial Investments Limited (aktar ’il quddiem imsejħa “GFI”) talbet li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandati kawtelatorji fuq imsemmija maħruġin kontriha mill-intimati miżżewġin Dingli (aktar ’il quddiem imsejħin “l-eżekutanti”) minħabba li nħarġu kontra l-liġi, jew (b) tnaqqas il-garanzija li l-istess rikorrenti iddepożitat għall-finijiet tal-artikolu 836(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (ċ) tordna li ssir garanzija xierqa mill-eżekutanti skond il-liġi għall-ħlas tal-penali, danni u mgħax, fiż-żmien li jogħġobha tiffissalhom il-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ Awissu, 2003, li bih il-Qorti ordnat in-notifika lill-eaekutanti u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-27 ta’ Novembru, 2003;

Rat li, minkejja li laqgħu n-notifika tal-atti, l-eżekutanti naqsu li jressqu Tweġiba fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija rikorrenti eżekutata;

Rat l-atti kollha tal-Mandati u tal-kontro-Mandati relativi;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta’ Novembru, 2003, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) u 836(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għat-tħassir ta’ żewġ Mandati kawtelatorji jew għat-tnaqqis tal-garanzija depożitata mill-parti eżekutata bil-għan li setgħu jinħarġu l-Kontro-Mandati tal-istess Mandati kawtelatorji. Il-eżekutata qiegħda titlob ukoll il-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas ta’ penali skond l-artikolu 836(8) u għall-għoti ta’ garanzija xierqa skond l-artikolu 838A;

Illi għal din il-proċedura, l-eżekutanti ma ressqux tweġiba formali, imma billi GFI kienet ressqet talba fis-6 ta’ Ġunju, 2003[1], għat-tħassir tal-mandat ta’ sekwestru u f’dik il-proċedura l-eżekutanti kienu ressqu Tweġiba motivata biex juru għaliex it-talba ta’ GFI ma kellhiex tintlaqa’, dik it-Tweġiba ntużat minn GFI innifisha f’din il-proċedura tal-lum sewwasew biex tressaq l-argumenti tagħha għaliex it-talbiet preżenti tagħha jmisshom jintlaqgħu. Minbarra dan, bosta riferenzi li saru minn GFI f’dan ir-Rikors jinsabu fl-atti tal-ewwel Rikors tagħha, u għalhekk il-Qorti rat u ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-atti tal-ewwel Rikors u tad-dokumenti mehmużin miegħu;

[1] Rik. Nru. 565/03JRM dekretat fl-14.8.2003

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fl-1 ta' Awissu, 2002, sar att ta' konvenju bejn l-eżekutanti u GFI li bih din tal-aħħar wegħdet li tbiegħ, tassenja u tittrasferixxi lill-eżekutanti flimkien bejniethom, l-appartament internament markat bin-numru sebgħa (7), li jagħmel parti minn blokka ta' tmien (8) appartamenti u *garages*, f'numru mitejn u erbgħa u tletin ittra C (234C), fi Triq it-Torri, Sliema, flimkien mal-pertinenzi kollha tiegħu u bil-komunjoni mal-appartamenti l-oħra, taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Il-konvenju kellu jibqa' fis-seħħ sat-8 ta' Jannar, 2003. Fit-8 ta' Jannar, 2003[2], GFI bagħtet ittra uffiċjali lill-eżekutanti biex tintimahom jersqu għall-kuntratt skond kif kien miftiehem fil-konvenju. Il-kuntratt finali baqa' ma sarx;

Illi fit-30 ta' Mejju, 2003, l-eżekutanti talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra GFI għall-ammont ta' Lm 20,000[3] in kawtela ta' "rifużjoni ta' depożitu mogħti mis-sekwestranti lis-soċjeta' sekwestrata fuq konvenju datat l-1 ta' Awissu, 2002, u konkluż bejn is-sekwestranti u s-soċjeta' sekwestrata u ħlas ta' danni prelikwidati skond l-imsemmi konvenju". It-talba għall-ħruġ tal-Mandat intlaqgħet dak inhar stess. Il-Mandat kien notifikat lil erba' (4) sekwestratarju, ilkoll banek kummerċjali. Tlieta minn dawn bagħtu jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda flejjes jew assi GFI, filwaqt li l-bank sekwestratarju l-ieħor bagħat jgħarraf li żamm ftit anqas minn Lm 250 f'assi depożitati f'isem l-eżekutanti. Dak inhar li ntalab il-ħruġ tal-Mandat, l-eżekutanti fetħu kawża[4] kontra GFI biex jitolbuha troddilhom lura d-depożitu li ħallsuha dak inhar tal-konvenju u wkoll biex tħallashom is-

[2] Dok "GF5", f'paġ. 18 tal-atti
[3] Li jġibu € 46,587.47 fi flus tal-lum
[4] Ċitazz. Nru. 526/03JRM

somma miftehma ta’ danni pre-likwidati. Fis-6 ta’ Ġunju, 2003, GFI ressqet talba għat-tħassir tal-imsemmi Mandat[5];

Illi fil-25 ta’ Ġunju, 2003, l-eżekutanti ressqu talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni (fejn it-talba taqbeż € 9317.49) kontra GFI biex iżommuha milli teħles mill-imsemmi appartament mertu tal-konvenju. Il-kawżali kienet l-istess bħal dik li ssemmiet meta nħareġ il-Mandat ta’ Sekwestru. It-talba ntlaqgħet dak inhar li saret u l-Mandat inħareġ dak inhar;

Illi fis-16 ta’ Lulju, 2003[6], GFI kisbet il-ħruġ ta’ Kontro-Mandati dwar iż-żewġ Mandati maħruġin kontriha u dan wara li b’ċedola ressqet garanzija bankarja biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti. Fil-31 ta’ Lulju, 2003, tressaq ir-Rikors preżenti;

Illi jidher xieraq li l-ewwel <u>konsiderazzjoni ta’ dritt</u> marbuta mal-każ tkun riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma rilevanti. Dan jingħad għaliex ir-rikors tressaq biex jilħaq żewġ għanijiet: jew it-tħassir tal-effetti ta’ Mandati kawtelatorji maħruġin kontra GFI jew li l-garanzija bankarja titnaqqas għal ammont xieraq. L-artikolu 836(7) li taħtu tressaq dan ir-Rikors jipprospetta sewwasew talba bħal din minkejja li l-Mandat ikun diġa’ tħassar bil-ħruġ ta’ Kontro-Mandat bażat fuq it-tressiq mill-parti intimata ta’ garanzija bankarja;

Illi għalhekk, dan ifisser ukoll li l-firxa ta’ rimedji li l-Qorti tista’ tagħti hija limitata b’dak li tipprovdi dik l-istess dispożizzjoni

---

[5] Dok “GF3”, f’paġġ. 7 – 8 tal-atti
[6] Dokti “GF4” u “GF5” f’paġġ. 9 sa 16 tal-atti

tal-liġi. Minn kliem il-liġi, din il-Qorti jifdlilha s-setgħa li (a) tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat setax jinħareġ jew le, jew (b) li tista' tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija, jew (ċ) li ssib li l-att kawtelatorju huwa kontra l-liġi u għalhekk tordna t-tħassir tiegħu;

Illi minn dan jidher li huwa evidenti li, f'każ fejn il-Qorti ssib li l-Mandat ma messux sar jew li l-ħruġ tiegħu sar kontra l-liġi, allura jekk kemm-il darba tkun tressqet garanzija xierqa biex seta' jinħareġ il-Kontro-Mandat opportun, il-Qorti tista' tordna li l-garanzija hekk imressqa tingħata lura lill-intimat eżekutat bħala effett loġiku tat-tħassir tal-Mandat. Jidher ukoll li, sabiex il-Qorti tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat kawtelatorju kienx seta' jinħareġ jew le jew biex tistħarreġ jekk l-istess Mandat huwiex kontra l-liġi, għandhom jintużaw il-kriterji maħsuba fid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-istess artikolu 836 u dispożizzjonijiet ġenerali li l-liġi tipprovdi dwar is-siwi tal-Mandati;

Illi (a) **dwar jekk il-Mandat setax jinħareġ jew le**, GFI tressaq żewġ talbiet: fl-ewwel lok, tgħid li l-Mandati nħarġu abbużivament, u fit-tieni lok, tgħid li l-ammont kawtelat huwa eżaġerat u f'kull każ mhuwiex dovut. Kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn tal-lum, l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel f'din il-proċedura huwa l-istess bħal dawk li tagħmel kieku r-rikors tressaq taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1). Dan l-eżerċizzju llum il-ġurnata huwa stabilit sewwa bis-saħħa ta' għadd ta' provvedimenti mogħtijin minn dawn il-Qrati. Il-Qorti jidhrilha li kieku kellha tqis iż-żewġ ilmenti ta' GFI, kienet tkun qiegħda tidħol biex tqis fil-qofol tagħha l-kwestjoni li tolqot il-mertu tal-kawża li hemm bejn il-partijiet u li issa tinsab imħollija għas-sentenza;

Illi l-kwestjoni dwar jekk l-eżekutanti setħgux joħorġu l-Mandati u jippretendu l-ħlas lura tad-depożitu akkont tal-prezz u l-ħlas ta' danni ladarba l-konvenju waqa' bla ma segwew il-proċedura stabilita, hija sewwasew il-qalba tal-kwestjoni kollha dibattuta fil-kawża. L-istess ħaġa tista' tingħad dwar jekk is-somma pretiża hijiex waħda eżorbitanti jew le. Huwa fatt li, fil-kawża, l-eżekutanti qegħdin jitolbu kemm il-ħlas tad-depożitu tal-prezz imħallas minnhom fuq il-konvenju, u kif ukoll il-kumpens dwar danni pre-likwidati minħabba li jixlu lil GFI li naqset li twettaq dak li ntrabtet għalih. Iż-żewġ ammonti joħorġu mill-att tal-konvenju nnifsu, u t-talbiet tal-eżekutanti ma jmorrux lil hinn minn dak stabilit. Jekk jistħoqqilhomx tassew li jieħdu dawk l-ammont jew kemm minnhom, hija, kif ingħad, kwestjoni li l-Qorti m'hijiex sejra tiddelibera dwarha f'din il-proċedura, imma fis-sentenza li sejra tagħti;

Illi madankollu, ma jistax jingħad li ż-żewġ raġunijiet mogħtijin minn GFI jistgħu jitqiesu li jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(d) jew (f) tal-Kodiċi Proċedurali. Il-kawżali l-oħrajn fl-imsemmi artikolu ma ġewx invokati;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti eżekutata GFI;

Illi fid-dawl ta' din il-fehma, u b'mod partikolari (b) **dwar it-tieni talba tal-kumpannija eżekutata,** l-Qorti ssib li ma hemmx raġuni tajba għaliex għandha tordna tnaqqis fl-ammont tal-garanzija bankarja mressqa biex setgħu jinħarġu l-Kontro-Mandati relattivi. Dan jingħad biss sakemm ma jirriżultax – għaliex dan ma joħroġx ċar mill-atti – li GFI kellha tressaq garanzija bankarja ta' Lm 20,000 għal kull wieħed miż-żewġ mandati maħruġin kontriha. Jekk dan huwa l-każ,

u f'dan il-każ biss, allura l-Qorti tilqa' t-tieni talba ta' GFI billi tordna li għandha tinżamm fis-seħħ garanzija bankarja waħda, jew li jkun garantit ammont li ma jaqbiżx l-ammont ta' € 46,936.87 (jiġifieri l-kreditu pretiż mill-eżekutati u l-ispejjeż għall-ħruġ tal-mandati);

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ (ċ) **it-tielet talba tal-kumpannija eżekutata**. Il-Qorti tirrileva li, mill-mod kif inhi mfassla din it-talba, mhuwiex ċar jekk GFI hijiex qiegħda titlob biss il-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas tal-penali, jew ukoll l-għoti ta' garanzija biex tagħmel tajjeb għad-danni u spejjeż li GFI jist' jkollha jedd għalihom ladarba l-Mandat ma tħassarx. Jista' jkun li qiegħda titlobhom it-tnejn;

Illi dwar it-talba għall-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas tal-penali, jidher li GFI tistrieħ fuq dak li jiddisponi l-artikolu 836(8)(b). Hija tgħid li, bla ma kienet intalbet mill-eżekutanti f'xi żmien qabel, sabet ma' wiċċha l-Mandat ta' Sekwestru maħruġ minnhom;

Illi biex ma jseħħx l-effett tal-kundanna tal-penali taħt l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12, min ikun ħareġ Mandat irid juri (i) li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ, jew (ii) li fi żmien ħmistax-il jum qabel ma nħareġ kien talab lill-parti li kontriha nħareġ dak l-att biex tħallas jew tagħti garanzija, jew (iii) li kien hemm raġuni ta' urġenza għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li jkun[7]. Jibqa' dejjem fl-għażla tal-Qorti jekk, minkejja li l-eżekutant jonqos li jissoddisfa l-ħtiġiet hawn fuq imsemmija, tikkundannax lill-istess eżekutant għall-ħlas tal-penali xorta waħda: dan jingħad għaliex kliem l-artikolu 836(8) innifsu

[7] Ara P.A. GCD **26.10.1999** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Office Technology Ltd vs J.M. Supplies Co. Ltd.***

huwa msawwar fuq il-kelma "tista'", liema kelma tagħti marġini ta' diskrezzjoni[8];

Illi l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu jew jitlobu jagħti garanzija tajba li turi li għandu ġid biżżejjed x'jagħmel tajjeb f'każ li jkollu jħallas dak id-dejn;

Illi t-"talba" li ssemmi l-liġi tista' tkun saret b'kull mod u ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[9], u biżżejjed tkun waħda verbali. Dan ifisser li l-konsiderazzjonijiet li qiegħda tagħmel din il-Qorti dwar din it-talba ta' GFI jirreferu biss għall-Mandat ta' Sekwestru, għaliex meta nħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni l-eżekutanti kienu diġa' ilhom xi jiem li fetħu l-kawża u, għaldaqstant, għall-finijiet tat-"talba" għall-ħlas, il-pretensjoni tagħhom kienet diġa' saret b'mod formali fil-konfront ta' GFI;

Illi fil-każ tal-lum, GFI tisħaq li minn Jannar 2003 (meta hija bagħtet l-ittra uffiċjali lill-eżekutanti biex teżegwixxi l-konvenju) sa dak inhar li nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru, ir-rikorrenti ma wrewx li huma talbuha tħallashom xi flus u lanqas biss kienu intimawha dwar xi pretensjoni li huma seta' kellhom u li toħroġ mill-konvenju li sadattant kien waqa'. Tisħaq ukoll fuq il-fatt li ma kien hemm l-ebda urġenza fil-ħruġ tal-mandat;

Illi fit-Tweġiba li kienu ressqu fl-okkażjoni tal-ewwel Rikors ta' GFI, l-eżekutanti kienu merew bil-qawwa dawn ix-xiljiet.

---

[8] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[9] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

Huma saħqu li lil GFI kienu bagħtulha ittra uffiċjali fit-23 ta' Jannar, 2003, u minn hemm 'il quddiem kienu wrewha li qegħdin jippretendu li tgħaddilhom lura d-depożitu li kienu ħallsuha. Fuq kollox, kien hemm ukoll urġenza għall-ħruġ tal-mandat minħabba li kienu saru jafu li GFI kellha djun kbar favur bank kummerċjali fuq l-appartament innifsu. Min-naħa l-oħra, l-eżekutanti wrew li ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat kienet ġustifikata għaliex ma jidhirx li l-pretensjoni tagħhom fil-kawża li ressqu kontra GFI hija b'xi mod ieħor kawtelata;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju tal-proċedura, tagħżel biex toqgħod fuq l-argument tal-eżekutanti u ma ssibx li jeżistu ċ-ċirkostanzi biex tasal li tikkundannahom għall-ħlas tal-penali mitluba minn GFI;

Illi dwar it-talba tal-għoti tal-garanzija l-Qorti ssib li ladarba l-azzjoni tal-lum tinbena fuq l-artikolu 836(7) tal-Kap 12 u ladarba l-Mandati li għalihom tirreferi kienu tneħħew bil-ħruġ tal-Kontro-Mandati relativi, r-rimdeju tal-għoti tal-garanzija taħt l-artikolu 838A ma jistax jingħata. Dan l-aħħar artikolu jista' jitħaddem biss fejn Mandat Kawtelatorju ma jkunx tħassar[10]. Dan jingħad minbarra l-fatt li r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem minn GFI għall-għoti ta' dak ir-rimedju ma jistgħux jitqiesu bħala "kawża ġusta" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti eżekutata** (għajr għall-kjarifika magħmula fil-parti relattiva ta' dan il-

[10] Ara, per eżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

provvediment dwar it-tieni talba fuq it-tnaqqis tal-garanzija bankarja mogħtija biex inħarġu l-Kontro-Mandati); u

**Tordna** li l-istess kumpannija eżekutata tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, 23 ta' Settembru, 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------